MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1260/1997/1

**Korporazzjoni Telemalta u b'nota ta' 3 ta' Gunju 1998 s-socjeta kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti**

**vs**

**Christopher Grech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jgi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm767.51 (sebgha mija u sitta u sebghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) rapprezentanti dana l-ammont spejjes inkorsi mill-Korporazzjoni attrici sabiex tissewwa hsara ikkawzata f'cable proprjeta' taghha gewwa The Strand, Gzira (skond l-invoice anness mal-avviz Dokument A) liema hsara giet ikkawzata fl-1 ta' Novembru, 1994.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Ottubru 1996 t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjoanli kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess konvenut u li biha eccepixxa (a fol 6 tal-atti).

1. Illi preliminarjament it-talba kif intavolata hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi stante illi f’kull kaz riedet issir ukoll talba ghad-dikjarazzjoni dwar ir-responsabbilta’ ghal hsarat reklamati, f’liema kaz din il-Qorti hija inkompetenti “ratione materiae’ sabiex tisma u tiddeciedi tali talba.

2. Illi l-konvenut in kwantu imharrek fil-kwalita’ tieghu personali mhuwiex il-legittima kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi l-konvenut fl-ebda post u fl-ebda data qatt ma kkaguna ebda hsarat f’xi “cable” proprjeta tal-korporazzjoni attrici u personalment lanqas mhu propreatarju ta’ ebda proprjeta immobiljari f’The Strand, Gzira.

4. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigu michuda bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici.

5. Illi f’kull kaz l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni attrici huwa wiehed eccessiv u esagerat u trid issir il-prova tal-allegati hsarat u danni sofferti.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta’ attrici, gie prodott biss xhud wiehed ossija Norman Farrugia (fol 9 sa fol 11 tal-atti) li kien ufficjal tal-Korporazzjoni Telemalta stazzjonat fil-lokalita

tal-incident in esami meta dan gara fl-1 ta' Novembru 1994. Dan ix-xhud spjega li meta kien mar fuq il-post tal-incident, kien gie infurmat "li l-'cable' in kwistjoni kien intlaqat" li 'cable' kien sitwat fix-Xatt ta' Tas-Sliema. L-istess xhud, hlief li xehed dwar ir-riparazzjonijiet li gew esegwiti u l-ispejjes inkorsi sabiex jsiru r-riparazzjonijiet necessari, ma semma' xejn dwar id-dinamika tal-istess incident u dwar kif gew kagunati l-hsarat fil-'cable' telefoniku in kwistjoni (ara ukoll id-dokument a fol 2 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, meta xehed (fol 19 u 24 et seq ibid) semma li, fix-Xatt ta' Tas Sliema hemm sitwat l-ufficcju ta' wahda mill-kumpaniji tieghu. Difatti f'dan il-post kien hemm "xi xoghlijiet qed isiru". In kontroesami hu eskluda, wara li inqratlu parti mir-rapport tal-Pulizija, mhux esebit, pero', fl-atti ta' din il-kawza, li kien assuma "ir-responsabilta' ta' hsara f'xi cables". Difatti, dwar dan il-punt hu specifika li "Jista' jkun li ammettejt ir-responsabilta tax-xoghol li kien qed jsir imma mhux il-hsara f'"cables".

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl u fl-isfond tal-provi kif prodotti u esposti, ghandu jinghad li kien jispetta lis-socjeta' attrici li tipprova li l-konvenut kien negligenti skond kif stipulat, fil-Kodici Civili fl-artikoli 1031, 1033, 1037 u 1038. In rigward dan, jidher evidenti li l-provi prodotti huma manifestament insufficjenti sabiex juri fuq basi ta' probabilta tali negligenza da parti tal-konvenut fil-kaz in desamina.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.

Lorianne Camilleri
Deputat Registratur